# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

## IMHALLEF:

## ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

**Illum, it-Tnejn 1 ta' Dicembru, 2003.**

**Kawza Nru: 55.**

**Citaz Nru: 1902/01 JA.**

**Valle Del Miele Limited.**

**-vs-**

**Raphael Aloisio, Malcolm Booker, Steve Cachia, Edward Camilleri, Andrew Manduca, Paul Mercieca u Stephen Paris personalment u fil-kapacita' taghhom ta' partners tal-kumpanija Deloitte & Touche Certified Public Auditors & Accountants.**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att tac-citazzjoni mressqa fl-20 ta' Dicembru, 2001 li bih s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' Price Club Operators Limited fis-somma ta' mija u hamsin elf, mitejn tlieta u sittin Liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm150,263,26) rappresentanti din is-somma prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lil diversi stabbilimenti gestiti u/jew amministrati mis-socjeta' Price Club Operators Limited.

Illi sa' l-ahhar ta' Settembru 2000 dan il-kreditu kien diga' jammonta ghal tmienja us sebghin elf u mitejn u tlieta u disghin liri Maltin (Lm78,293).

Illi l-konvenuti kienu inkarigati sabiex ihejju l-'audit report' tas-socjeta' Price Club Operators Limited a bazi tal-accounts, liema "audited accounts" kienu ffinalizzati u ffirmati mill-konvenuti fit-30 ta' Gunju, 2000.

Illi sadanittant s-socjeta' Price Club Operators Limited ziedu sostanzjalment l-ordnijiet ghax-xiri ta' prodotti minghand is-socjeta' attrici.

Illi qabel ma' ddecidew li jkomplu jissuplixxu lis-socjeta' Price Club Operators Limited, is-socjeta' attrici hadet konjizzjoni tal-accounts tal-imsemmija socjeta' ppublikati fit-13 ta' Settembru, 2000 u dana sabiex tiddetermina l-qaghda finanzjarja tal-istess socjeta'.

Illi, in vista tal-fatt li l-'accounts' u r-rapport tal-awdituri maghmul minghajr edba kwalifka tal-konvenuti, kienu juru stampa ottimista ta' socjeta' b' attivita kbira, u bl-ebda mod ma' kienu jindikaw li din is-socjeta' Price Club Operators Limited kellha jew seta' jkollha xi problemi finanzjarji serji, s-socjeta' attrici ddecidiet li tkompli tissuplixxi lill-imsemmija Price Club Operators Limited tant illi l-kreditu tas-socjeta'

attrici baqa' jizdied sakemm f' Marzu, 2001 lahaq is-somma ta' mija u hamsin elf, mitejn tlieta u sittin liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm150, 263,26).

Illi, minkejja l-ispampa riflessa fl-accounts kif ikkonfermat mir-rapport tal-awdituri datati 13 ta' Settembru, 2000, f' April 2001 s-socjeta' Price Club Operators Limited intimat li kienet ser twaqqaf il-pagamenti ta' debitu pendenti.

Illi ghalhekk l-kredituri kollha tal-Price Club hatru konsulenti sabiex jezaminaw l-qaghda finanzjarja u dawn irrelevaw li sal 31 ta' Dicembru, 2000 kien hemm telf totali ta' diversi miljuni ta' liri Maltin.

Illi ftit xhud wara s-socjeta' Price Club Operators Limited iddikjarat li ma' kinitx izjed f' posizzjoni li tkompli taghmel pagamenti tant illi nbdew proceduri ghax-xoljiment taghha.

Illi dana kollu jindika illi l-konvenuti agixxew b' mod negligenti u/jew frawdolenti fir-redazzjoni tal-accounts u fl-oponijijiet li esprimew fl-istess accounts u li ppublikaw fit-13 ta' Settembru, 2000 b' mod illi pingew stampa li ma' kinitx tirrifletti l-qaghda finanzjarja attwali u reali.

Illi a kawza tal-premess is-socjeta' attrici sofriet danni stante li ddecidiet li tkompli tissuplixxi lis-socjeta' Price Club Operators Limited a bazi tal-istampa finanzjarja riflessa biex b' hekk zdied sostanzjalment il-kreditu taghha u ppregudikat il-possibilita' li tirkupra l-kreditu ezistenti f' Settembru, 2000.

Illi l-konvenuti debitament interpellati sabiex jaghmlu tajjeb ghal tali danni baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitolbu lill-din l-Onorabbli Qorti tghid ghaliex m' ghandhiex:

1. Tiddikjara illi bil-mod kif il-konvenuti hejjew ir-rapport mhux kwalifikat tal-awditur, fir-rigward tas-socjeta' Price Club Operators Limited, l-istess konvenuti agixxew b' mod negligenti u/jew frawdolenti, u b' hekk ikkagunaw danni lis-socjeta' attrici.

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici.

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-protest gudizzjarju u l-imghax kontra l-konvenut ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Paul Gauci fil-kapacita' tieghu ta' Direttur tas-socjeta' attrici mahlufa fl-20 ta' Dicembru, 2001 w il-lista tax-xhieda ta' l-istess socjeta'.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti personalment u fil-kwalita' taghhom prezentata fl-4 ta' Frar, 2002 li permess taghha eccepew:

1. Illi preliminarjament l-eccipjenti, kemm personalment kif wkoll bhala partners ta' Deloitte & Touche, qatt ma kellhom relazzjoni ta' kwalsiasi natura mas-socjeta' attrici, u illi s-socjeta' attrici m' ghandha l-ebda dritt ta' azzjoni kontra taghhom. Ghalhekk, l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni hawn fuq sollevata, ukoll preliminarjament, l-intempestivita' ta' l-azzjoni stante li s-socjeta' attrici sallum ma sofriet l-ehda hsara u n-nuqqas ta' interess guridiku biex is-socjeta' attrici tippromuovi din l-azzjoni stante li din hija biss ipotetika u mhux reali.

3. Subordinatament, fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, l-eccipjenti, kemm personalment kif ukoll bhala partner ta' Deloitte &

Touche, jichdu kategorikament kull allegazzjoni ta' responsabbilita' u ta' agir frawdolenti jew negligenti da parti taghhom, u jiddikjaraw illi huma agew b' diligenza, bi prudenza u bil-hsieb u skond il-ligi u kif tirrikjedi l-professjoni taghhom, u ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat d-dikjarazzjoni tal-konvenuti personalment u fil-kwalita' taghhom premessa mahlufa minn Edward Camilleri fl-4 ta' Frar, 2002 w il-lista tax-xhieda.

Rat ir-rikors tat-2 ta' Gunju, 2003 illi bih il-partijiet tlabu illi tinghata sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet.

Illi din il-Qorti laqghet din it-talba u qed tippronunzja sentenza fuq dawn l-eccezzjonijiet.

L-ewwel eccezzjoni hija fis-sens li l-konvenuti ma ghandhom ebda relazzjoni guridika ma' l-attur sija bhala rapresentanti tad-ditta Deloitte & Touche sija personalment. Irid hawn jinghad li l-konvenuti gew inkarigati jhejju 'audit report' tas-socjeta' Price Club Operators Limited liema rapport gie finalizzat u iffirmat minnhom (skond l-atturi) fit-30 ta' Gunju, 2000. L-atturi li huma kredituri tas-socjeta' Price Club Operators Limited qed isostnu wkoll illi ssuplixxew lill istess socjeta' b' iktar merkanzija a bazi ta' dan ir-rapport. Qed isostnu wkoll li dan ir-rapport ma' kienx jirrispekkja l-verita' u stante illi ftit taz-zmien wara s-socjeta' Price Club ma' baqghetx taghmel pagamenti u inbdew il-proceduri ghax-xoljiment taghha huma sofrew danni li qed jitolbu li jithallsu b' din l-istess kawza.

Issa hu minnu li l-atturi ma nkarigawx lill-konvenuti huma biex jaghmlu r-rapport u hu a bazi ta' dan li l-konvenuti qed iressqu din l-eccezzjoni.

Il-partijiet ipprezentaw noti ta' l-osservazzjonijiet estensivi u dokumentati li ma hemmx ghalfejn jigu riprodotti u ripetuti. Fi ftit kliem pero', l-atturi qed jghidu li d-danni ma' hemmx ghalfejn johorgu minn obligazzjoni kuntrattwali kif donnu qed jallegaw il-konvenuti. Dan hu sagrosant. Fil-fatt anke l-istess citazzjoni taghmel riferenza ghal negligenza, u kwindi jidher car li l-azzjoni tal-atturi hija wahda bbazata fuq *culpa* u mhux fuq obligazzjoni *ex contractu.* Ghalhekk ir-relazzjoni guridika li ghandhu jkun hemm mhijiex ta' rabta kuntrattwali izda jekk minhabba xi nuqqas tal-konvenuti l-atturi sofrew xi danni. Naturalment dan irid jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Il-punt saljenti ta' din il-kawza gie konsidrat diversi drabi mill-Qrati Nglizi kif jidher ampjament minn noti tal-partijiet. It-tendenza prevalenti hija li effettivament kemm l-*accountants* u kemm l-awdituri jistghu jigu tenuti responsabbli ta' danni kawzati lill-terzi, ossija lill-persuni li mhumiex azzjonisti tal-istess socjeta' li tkun ghamlet uzu mis-servizzi taghhom, purche' ovvjament jigi pruvat in-ness bejn id-danni u l-operat negligenti jew xorta ohra passibbli ghal danni, tal-konvenuti f' kawza simili.

Diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Nglizi li japprovaw dan. Fil-kawza fl-ismijiet ***"Candler –vs- Crane, Chrismas & Co."*** deciza mill-famuz Lord Denning fl-1951 gie ritenut illi:

*"... to whom do these professional people owe this duty? I will take accountant, but the same reasoning applies to .... Others. They owe the duty of course, to their employer or client; and also I think to any third person to whom they show the accounts, or to whom they know their employer is going to show the accounts so as to induce them to invest money or take some other action on them".*

Din il-Qorti ma' tistax issib kliem ahjar biex turi l-fehma taghha. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qed tigi respinta.

Kwantu ghat-tieni eccezzjoni, *prima facie* hu minnu illi f' dan l-istadju l-atturi ma' jistghux jikkawntifikaw id-danni li jistghu

isofru minhabba li l-process ta' likwidazzjoni ghadu ma' giex mitmum. Teoretikament addirittura hemm possibilita' (x' iktarx remota, izda dejjem esistenti) illi jigbru flushom kollha. Madankollu din il-Qorti ma' thossx li ghandha twaqqaf il-kawza f' dan l-istadju minhabba f' hekk, ghaliex l-atturi fl-ewwel talba taghhom qed jitolbu dikjarazzjoni ta' responsabilita' li zgur ma' hijiex se tintlaqat mill-fatt li l-proceduri ta' likwidazzjoni ghadhom fi stat bikri. Il-Qorti thoss li c-citazzjoni mhijiex intempestiva certament fir-rigward ta' din it-talba. Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel ghandu jigi stabbilit dan il-punt u l-kwistjoni ta' l-intempestivita ghandha tigi deciza semmai wara; jista' jkun li eventwalment il-Qorti jkollha tiehu passi ohra fuq dan il-punt. Fi kliem iehor il-Qorti tkun f' posizzjoni li tiggudika fuq dan wara li tkun semghet il-provi. Mhux il-kaz, ghal ragunijiet ovvji li jinghad iktar fuq dan.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qed tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut; tichad it-tieni eccezzjoni fir-rigward ta' l-ewwel talba tal-atturi, tirriserva li tiddeciedi dwar it-tieni eccezzjoni fir-rigward tat-talbiet l-ohra fi stadju ulterjuri, u tordna li l-kawza tkompli tinstema'.**

**Spejjez riservati ghal gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.**
**Imhallef.**
**1 ta' Dicembru, 2003.**

**Marisa Attard.**
**Deputat Registratur.**
**1 ta' Dicembru, 2003.**